**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 58**

**It-Tnejn 24 t'April 2023**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:30 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | _ | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Dr Mary Muscat | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **58.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 58.1.1 | Ittri ta apoloġiji ma hemm xejn. Innutat li Dr.Mary Muscat u S-Sinjorina Elenia Desira ma kienux preżenti mill-bidu. |
| **58.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 58.2.1 | Stephen Caruana ppropona u Daniel Zerafa issekonda bħala koretti l-minuti tal-laqgħa numru 56 li saret f'Marzu 2023 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti.<br><br>Stephen Caruana ppropona u Daniel Zerafa issekonda bħala koretti l-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 57 li saret f'Marzu 2023 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **58.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 58.3.1 | Rappreżentanti tal-monti kienu preżenti. Is-Sindku beda biex spjega li l-Kunsill qiegħed jagħmel eżerċizzju mal-Perit fejn ħoloq diversi pjanti tal-monti ta' fost il-ġimgħa b'diversi qisien. Huwa issuggerixxa li l-aktar waħda vijabbli hi dik bil-qies ta 15 il-pied. Huwa qal li qiegħed ikun hemm diżgwid bejn il-bejjiegħa tal-monti u s-sidien tar-restaurants.<br><br>Rappreżentanti tal-monti kellhom xi mistoqsijiet dwar il-monti fejn dawn ġew imwieġba. Ingħataw il-ħin kollu biex iressqu l-ideat u l-imenti kollha tagħhom. Huma issuggerew li peress hemm area specifikata għal monti, din tigi maqsuma ugwali bejniethom. Is-Sindku qal li il kummenti taghhom qed jigu nnotati u se jigu evalwati fid-diskussjonijiet li ghad iridu jsiru mill-Kunsill qabel titiehed id-decizzjoni finali biex jiġi organizzat il-monti aktar 'l quddiem. |
| 58.3.2 | Rappreżentanti tar-restaurants kienu prezenti. Is-Sindku beda biex spjega li l-Kunsill qiegħed jagħmel eżercizzju mal-Perit fejn ħoloq diversi pjanti tal-monti ta' fost il-ġimgha b'diversi qisien. Huwa issuġġerixxa li l-aktar waħda vijabbli hi dik bil-qies ta' 15 il-pied. Huwa qal li qiegħed ikun hemm diżgwid bejn il-bejjiegħa tal-monti u s-sidien tar-restaurants, u dan ma jistax jibqa' sejjer. Huwa talab lil dawn il-persuni biex iressqu l-ideat u l-ilmenti kollha tagħhom.<br><br>Rappreżentanti tar-restaurants kellhom xi mistoqsijiet dwar il-monti u l-imwejjed u s-siġġijiet fejn dawn ġew imwieġba. Ingħataw il-ħin kollu biex iressqu l-ideat u l-imenti kollha tagħhom. Is-Sinjura Joyce Darmanin proponiet li l-Kunsill jiċċekkja mal-awtoritajiet in-numru ta' Fixed Hawkers u n-numru ta' Market Hawkers. Waqt id-diskussjoni s-Sur Matthew Paris semma u kkwota SL441.04 u SL441.07.<br><br>Daniel Zerafa filwaqt li ddikjar kunflitt t'nteress għadda l-kummenti tiegħu rigward din il-kwistjoni.<br><br>Huma issuggerew li peress li kullħadd irid jiekol l-area speċifikata għal monti tigi maqsuma bejniethom u tal-monti b'mod ġust. Is-Sindku qal li l-kummenti tagħhom qed jiġu nnotati u se jigu evalwati fid-diskussjonijiet li għad iridu jsiru mill-Kunsill qabel tittieħed id-deċiżżjoni finali biex tiġi organizzata din is-sitwazzjoni aktar 'l quddiem. |

58.3.3 **Tahrika Rik 127/22/CG**

Dwar din it-tahrika il-kunsill m'ghandux informazzjoni u ghalhekk ser jitlob lil Dr. Sladden biex jikkuntattja lil P.L. tal Kontro partiforsi jkollna iktar informazzjoni.

**58.4 Mistoqsijiet mill-kunsilliera**

58.4.1 Dawn ġew eżawriti waqt l-andament tal-laqgħa.

**58.5 Bord tal-Interview- Executive Secretary**

58.5.1 Is-Sindku beda biex qal li waslitlu nformazzjoni li membru tal-bord kellu kunflitt t'nteress u bi zvista ma ddikjaraħx, għalhekk qiegħed jipproponi li l-bord jigi xolt u null u għalhekk l-interviews li saru jigu nulli.

Għalhekk qiegħed jitlob lil-Kunsill biex jaħtru bord ġdid.

Taqbel mal-ħatra ta' Bord ġdid?

| Isem | Iva | Le | Asstensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Mary Muscat | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

Il-Vot Ghadda unanimament.

Ghalhekk is-Sindku qieghed jissugerixxi li l-membri tal-board il-gdid ikunu:

Chairman: Mr.Duncan Hall
Member : Mr.Karl Cutajar
Member : Ms. Elaine Caruana
Segretarja: Ms Jessica Martin

Kien hemm qbil unanimu fuq il kompozizzjoni tal-board il-gdid.

Għalhekk issa ser jerġu isiru l-interviews mill-gdid.

**58.6 *Extension MOU Cleansing***

Wara diskussjoni dwar it-tindif u rimarki mill-Kunsilliera preżenti, ġie deċiz li jittieħed vot.

Taqbel li jigi estiz l-MOU tal cleansing b'Sitt Xhur?

| Isem | Iva | Le | Asstensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Mary Muscat | X | | | |
| | Stephen Caruana | X | | | |
| | Daniel Zerafa | X | | | |
| | Vot għadda unanimament. | | | | |
| **58.7** | **Planning** | | | | |
| | Dan gie ezawrit waqt il-laqgha. | | | | |
| **58.8** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** | | | | |
| 58.8.1 | Skeda pagament u petty cash. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana issekonda. Din ġiet approvata b'mod unnanimu bejn dawk preżenti. | | | | |
| **59.9** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** | | | | |
| | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17.50h, wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju 2023, fl-16.30h. | | | | |

Ikkonfermati, illum 22 ta'Mejju 2023

**IFFIRMATA**

_________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*